MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 112/2011

**Apell minn digriet interlokutorju**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christopher Pullicino)**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Claire Magri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ appell ipprezentat mill-Avukat Generali fid-9 ta’ Marzu, 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tikancella d-digriet hawn fuq imsemmi u minflok taghti dawk id-direttivi, ordnijiet jew struzzjonijet necessarji kif applikabbli fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz u skond il-ligi.

Ikkunsidrat :

Dan hu appell maghmul mill-Avukat Generali minn digriet interlokutorju maghmul mill-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Marzu 2011 fil-kawza "Il-Pulizija vs Claire Magri".

Id-digriet kien jikkonsisti billi l-kawza giet differita "*Sine Die*" riappuntabbli wara li jigu konkluzi il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alan Galea" li ghandha konnessjoni mal-kawza in kwistjoni "Il-Pulizija vs Claire Magri".

L-Avukat Generali qieghed jilmenta illi dan id-digriet ippregudika rimedjalment il-kaz tal-prosekuzzjoni u talab illi jigi revokat. Argumenta illi l-proceduri huma separati u distinti u wahda m'ghandhix ghalfejn tirrifletti fuq l-ohra jew tieqaf.

Minn naha l-ohra d-difiza rriferiet ghall-artikolu 415 (1) tal-Kap. 9 fejn jghid illi digriet interlokutorju ma jkollux appell hlief f'kondizzjonijiet estremi.

Id-decizjoni tal-Magistrat kienet korretta w l-appell tal-Avukat Generali hu wiehed frivolu. Il-hsieb kien illi fil-kawzi imsemmija ma joqodux jitilghu nies ghalxejn aktar u aktar meta l-kumpilazzjoni tiehu s-snin biex tigi konkjuza.

Ikkunsidrat :

L-artikolu 415 (1) jghid *"l-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa l-quddiem, jista` jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' l-appell minn dik is-sentenza."*

Kwindi sakemm id-digriet interlokutorju ma jzommx il-kawza milli titmexxa l-quddiem minn dak id-digriet ma hemmx appell hlief wara s-sentenza definittiva. Din hi l-interpretazzjoni illi giet moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Peter Paul Debono fis-26 ta' Mejju 1994" fejn il-qorti qalet *"appell minn digriet interlokutorju, cioe` digriet intiz biex jirregola l-andament tal-kawza, u li ma jzommx il-kawza milli titmexxa l-quddiem jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn dik l-istess sentenza definittiva kemm il-darba dik is-sentenza definittiva tkun appellabbli."*

Kwindi l-inappellibilita` tolqot biss digrieti li ma jzommux il-kawza milli titmexxa l-quddiem. F'dan il-kaz ma hemmx dubju li d-digriet ta' differiment "*sine die*" iwaqqaf hesrem l-andament tal-kawza u ma tkunx tista` titmexxa l-quddiem hlief taht kundizzjoni imsemmija fl-istess digriet.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Genrali ghandu ragun u jista` jappella minn dan id-digriet partikolari illi waqqaf il-procediment tal-kawza, u ghalhekk l-argument tad-difiza ma jregghix.

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tidhol fil-meritu tal-kawza aktar u aktar meta ghadha fi stadju daqshekk bikri.

Biss il-prosekuzzjoni ghandha dritt illi tressaq il-provi taghha darba tkun iddecidiet li tixli persuna b'reati serji.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa` l-appell, tirrevoka u tikkancella d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Claire Magri" u terga` tpoggi l-partijiet fl-istess posizzjoni li kienu qabel ma nghata d-digriet fuq imsemmi u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------